movimenti tal-fokolari

# Il-Kelma tal-Ħajja

## Lulju 2026

ĦARĠA 07

**"Dak imbagħad li nżera' f'art tajba huwa dak li jisma' l-kelma u jifhimha; u tassew hu jagħmel il-frott" (*Mt* 13, 23).**

Ġesù kellem lill-folla li nġabret madwaru fuq ix-xatt tat-Tiberija permezz tal-parabboli; u wara hu fisser sew lid-dixxipli dak kollu li kien qal.

Il-protagonista fir-rakkont tallum hi l-Kelma t'Alla, li Ġesù jqabbilha ma' żerriegħa ċkejkna u dgħajfa. Għalkemm il-ġebel, ix-xewk u l-għasafar jistgħu jkunu ta' xkiel biex din iż-żerriegħa tinbet, tagħmel l-għeruq u tagħti frott matur, il-bidwi għaqli jiżragħha għax jaf sew x'qawwa tal-għaġeb hemm ġo fiha.

Ġesù juża din it-tixbiha biex jurina r-rabta li hemm bejn il-bniedem u l-Kelma li Alla jagħtih bil-kotra. Hemm min jilqa' din il-Kelma, iżda hemm oħrajn li minħabba diversi raġunijiet iħalluha taqa' bla ma tagħmel ebda frott. Il-ħajja superfiċjali u t-tħassib materjali żejjed jheddu l-miraklu tal-ħajja sopranaturali li Alla stess jixtieq li jkebbes fil-ħlejjaq tiegħu.

Ġesù jistieden lilna wkoll, bħalma għamel mad-dixxipli, biex nidħlu fil-misteru umli tal-imħabba t'Alla, u fl-istess ħin jitlobna nagħmlu deċiżjoni personali billi nistaqsu: xi kwalità ta' "art" nixtiequ nkunu aħna?

**"Dak imbagħad li nżera' f'art tajba huwa dak li jisma' l-kelma u jifhimha; u tassew hu jagħmel il-frott".**

Jeħtieġ nisimgħu u nifhmu: dan jidher li hu s-sigriet biex inkunu art li tilqa' l-Kelma, fejn iż-żerriegħa tagħha tkun tista' tesprimi l-qawwa tagħha u tagħmel frott tajjeb.

Is-smigħ hu xi ħaġa tassew prezzjuża għax meta nisimgħu nkunu qed nagħmlu l-vojt spiritwali meħtieġ biex fina tgħammar il-ħajja t'Alla, li hu dejjem lest li jagħtina l-ħniena tiegħu, anki qabel ma nitolbuhielu, u li bis-sabar kollu jirrispetta ż-żmien meħtieġ biex il-frott jimmatura.

Kif tgħid Chiara Lubich f'kitba tagħha: il-Kelma t'Alla "ddawwal mhux biss lill-moħħ, imma lill-eżistenza kollha, għax hi dawl, imħabba u ħajja. Tagħti dik il-paċi li Ġesù jsejħilha 'l-paċi tiegħi' anki fil-mumenti ta' tħassib u taħwid. Tagħti l-ferħ sħiħ ukoll jekk xi drabi r-ruħ tkun mgħaffġa taħt it-tbatija. Tagħti l-qawwa l-aktar meta jkun hemm id-dwejjaq u jonqos il-kuraġġ. Tagħmilna ħielsa għax tiftaħ it-triq tal-

Verità (...). Hemm bżonn li anki fina titwieled imħabba kbira għall-Kelma t'Alla; li nilqgħuha b'attenzjoni meta tkun imħabbra lilna fil-knejjes, meta naqrawha, nistudjawha, nimmeditawha .... Iżda fuq kollox aħna msejħin biex ngħixuha (...). Meta ngħixu kelma waħda ta' Ġesù, inkunu qed ngħixu l-Vanġelu kollu għax f'kull kelma hu jagħtina kollox, hu stess jiġi jgħammar fina (...) u hekk jibdel il-mod kif naħsbu, nixtiequ u nġibu ruħna fiċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja"[1].

**"Dak imbagħad li nżera' f'art tajba huwa dak li jisma' l-kelma u jifhimha; u tassew hu jagħmel il-frott".**

Wambil mill-Messiku jirrakkonta: "Kien hemm żmien meta kont inħossni maqbud f'morsa. Kont f'relazzjoni vjolenti, bdejt infittex li naħrab minnha u nirranġa l-affarijiet bil-forzi tiegħi. Kont inkun influwenzat mill-midja soċjali u minn ħafna ilħna oħra, u kont insegwi affarijiet li ma kinux ġejjin minn Alla. Minkejja l-isforzi kollha li kont nagħmel, kont inħoss fija ħafna vojt u ħajti kienet bla skop. Kont naf li l-imħabba hi l-ilsien li jifhmu kulħadd, u meta bdejt nagħmel xogħol volontarju sibt xi ħaġa li bdiet timla lil ħajti; ħassejt li din kienet xi ħaġa ġejja minn Alla. Maż-żmien skoprejt post fejn stajt nisma' l-Kelma tiegħu u nikber fir-rabta tiegħi miegħu. Inħossni tassew grat".

Il-Kelma tista' taħdem fina anki meta nħossu ċertu vojt, għax kif jgħid il-profeta Isaija: "Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet, (…) hekk jiġri minn kelmti, hija toħroġ minn fommi u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili u ttemm dak li nkun bgħattha tagħmel" (*Is* 55, 10-11).

Imsaħħin b'din it-tama, fi żmien maħkum mill-biża' u t-tensjonijiet, ejjew ukoll nieħdu ħsieb insaħħu l-fiduċja f'dawk li magħhom naqsmu ħajjitna. Ejjew nemmnu li huma kapaċi jagħtu frott tajjeb, filwaqt li noħolqu okkażjonijiet biex nisimgħu lil xulxin u niddjalogaw, ħalli hekk nimxu flimkien u ninħabbu bħal aħwa.

**Letizia Magri u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja**

**REFERENZI**

1. C. Lubich, Kelma tal-Ħajja Marzu 2003, ara, Parola di Vita, ta' Fabio Ciardi, (Opere di Chiara Lubich 5), Città Nuova, Ruma, 2017, pġ. 684-685

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise', Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**